**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Novembru 2023**

**Rikors nru : 322/2023 AGV**

S A

Vs

MB

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors taì SA ,

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma:

1. Illi hija zzewget lil intimat MB detentur tal-karta tal-identitaì bin-numru 0033870(M), fis-sitta u ghoxrin (26) taì Marzu tas-sena elf disa mija tlieta u disghin (1993) gewwa l-Knisja tas-Salib Imqaddes, (Kapuccini), il-Furjana. Certifikat taz-zwieg numru tnejn , disgha, tlieta, tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin, (293/1993), u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi l-kontendenti partijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejnithom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta Kuntratt ta separazzjoni li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Edward Flores fis-sittax (16) taì Mejju tas-sena elfejn u tnax(2012), kopja fotostatika qieghda hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi l-kontendenti partijiet emendaw l-istess Kuntratt ta separazzjoni permezz ta kuntratt li gie ppubblikat min-Nutar Dottor Anton Borg fis-Sitta (6) taì Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;

4. Illi r-rikorrenti kienet iddekadiet mid-dritt li titlob u tottjeni manteniment minghand zewgha filwaqt li l-intimat kien irrinunzja mid-dritt li jitlob u jottjeni manteniment minghand martu:

5. Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet kellhom tifla KB taì eta maggorenni li illum il-gurnata ghandha tmienja u ghoxrin (28) sena. Ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta ímanteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt tas-separazzjoni tas-sittax (16) taì Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) u konsegwetament ma tezisti ebda kwistjoni fidan ir-rigward;

6. Illi r-rikorrenti ddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottofirmata, il-possibiltaì taì rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern u kkonkludiet li mìhemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

7. Illi l-partijiet ilhom separati mis-sittax (16) taì Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) illum il-gurnata ghaddew aktar minn hdax-il sena mid-data tas-separazzjoni tal-kontendenti partijiet;

8. Illi in vista taì dak permess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesta mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-Partijiet.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti SA titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

a. Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentament tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha ttal-Ligi u

b. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta** taì MB ghar-rikors tal-attrici SA tad-9 ta íGunju 2023,

Jesponi bir-rispett illi:

Ghalkemm hawn moralment ma jaqbilx mad-divorzju ghal ragunijiet taì kuxjenza huwa jaqbel mal-fatti kollha kif esposti mill-attrici u ghalhekk ma hux joggezzjona ghat-talba tal-attrici sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bìdivorzju.

L-intimat jitlob umilment li huwa ma jehilx l-ispejjez taì dawn il-proceduri.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar is- 26 ta’ Marzu 1993.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**